**30 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Benny Zaffarese *noe*

*versus*

Maximilian Castagna *noe*

## Kontumaċja - Dritt ta' Appell

*Il-konvenut li jilqa' kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti mhux prekluż milli jappella minn sentenza ta' dik il-Qorti biss il-kontumaċi ma jistax iġib quddiem il-Qorti ta' l-Appell xhieda kemm-il darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu. Imma jittratta l-kawża jista'.*

*Biex tissussisti l-kontumaċja din trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza ukoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma.*

Il-Qorti:-

Din il-Qorti ser tikkunsidra issa l-appell fil-meritu. It-trattazzjoni ta' l-appell tkun faċilitata jekk tiġi riprodotta l-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut *nomine* li hu l-parti sokkombenti in kwantu l-kawża ġiet deċiża kontra s-soċjetà minnu rappreżentata fil-kontumaċja tiegħu;

"Illi l-attur wara li ppremetta illi huwa kreditur tal-konvenut *nomine* fis-somma ta' erba' mija, ħamsa u tmenin lira Maltija (Lm485) rappreżentanti prezz ta' kiri ta' *exhibition stands* forniti mill-attur *nomine,* u li l-konvenut *nomine* għalhekk ġiet interpellat diversi drabi sabiex iħallas baqa' inadempjenti u li jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u annessa affidavit (dokument "A") a tenur ta' l-istess artikoli talab illi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ jogħġobha tiddeċidi l-kawża bid-dispensa tat-trattazzjoni skond l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u tikkundanna lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas lill-attur *nomine*, is-somma ta' erba' mija, ħamsa u tmenin lira Maltija (Lm485), rappreżentanti prezz ta' kiri ta' *exhibition stands* forniti mill-attur *nomine,* bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja ta' l-10 ta' Novembru, 1994, tal-Mandat tas-Sekwestru numru 441/95 ippreżentat kontestwalment, oltre l-imgħax legali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut *nomine* inġunt għas-subizzjoni;

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi l-esponent irċieva ċ-ċitazzjoni fl-ismijiet **Benny Zaffarese *nomine vs* Maximillian Castagna *nomine*** fl-1 ta' Frar, 1995 fil-5.30 p.m.;

Illi fit-2 ta' Frar, 1995 l-esponent mar il-Qorti fid-9.00 a.m. sabiex jikkontesta t-talba ta' Benny Zaffarese *nomine* billi għandu raġunijiet validi skond il-liġi għalhekk;

*Omissis*;

Illi waqt li l-esponent kien qiegħed jistenna, tkellem ma' l-attur *nomine* Benny Zaffarese, u spjegalu għaliex hu kien qiegħed jikkontesta dik it-talba u ċjoè billi l-esponent jippretendi u jaf illi ma għandu jagħtih xejn;

Illi l-esponent ukoll tkellem mal-purtier ta' l-Awla diversi drabi sabiex jinfurmah meta ser tissejjaħ il-kawża tiegħu. Infatti, l-esponent kellu bżonn jillarga ftit għal bżonnijiet personali, iżda baqa' ma ċċaqlaqx billi l-purtier infurmah illi dalwaqt kien sejjer issejjaħlu;

*Omissis*;

Illi l-espnoent jikkonferma illi lilu qatt ma sejħulu qabel jew meta kienet qiegħda ssir il-kawża u li l-esponent kellu u għad għandu kull interess illi jikkontesta din il-kawża;

Illi immedjatament wara l-esponent *nomine* ħalef u ppreżenta l-affidavit tal-fatti kif ġraw liema affidavit qiegħed jiġi anness bħala dokument "A";

Illi fit-2 ta' Frar, 1995 l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kontumaċja tal-konvenut *nomine* iddeċidiet il-kawża skond id-domanda ta' l-attur *nomine,* bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine,* illi b'nota ppreżentata fit-13 ta' Frar, 1995, l-appellant iddikjara illi ser jappella minn din is-sentenza;

Illi, inoltre, l-esponent *nomine* ppreżenta rikors quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fit-2 ta' Frar, 1995 sabiex l-istess Onorabbli Qorti wara li tieħu konjizzjoni tal-fatti hawn fuq spjegati, tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizza lill-esponent *nomine* sabiex jikkontesta l-istess kawża;

Illi b'digriet tagħha tat-2 ta' Frar, 1995 l-Ewwel Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors stante illi l-kawża ġiet deċiża;

Illi l-motivi ta' l-aggravju huma ċari u maniesti għaliex kontra l-fatti l-Ewwel Qorti rriteniet illi t-talbiet attriċi ma kinux kontradetti u li l-konvenut *nomine* kien kontumaċi;

*Omissis*;

Illi fil-ġurisprudenza tagħna ġiet ritenut u stabbilit il-prinċipju *illi* l-kontumaċja *tista' tiġi purgata purchè ma tkunx* kolpuża. Fil-kawża fl-ismijiet **Vittorio Cassar *vs* Carmelo Vassallo** (App. 29/5/1937, Vol. XXIX.I.1581) wara li ġew ċitati diversi sentenzi in materia ġew enumerati ukoll il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. Fl-iskorta ta' dawn is-sentenzi ċitati ġie stabbilit *illi* l-kontumaċja tiġi ritenuta ġustifikata jekk ma kinitx volontarja jew almenu kolpuża. Inoltre, jeħtieġ *illi tiġi ppruvata* kawża ġusta li tikkonsisti f'impediment leġittimu indipendenti mill-volontà tal-kontumaċi u konsistenti fi żball invinċibbli jew f'impossibbilità fiżika illi jidher sabiex jiddefendi ruħu;

Illi fil-każ in eżami il-kontumaċja "apparenti" ta' l-espnoent *nomine* ċertament timmerita illi tiġi ritenuta in vista tal-fatti hawn fuq esposti, *ġustifikata* u *involontarja* billi naxxenti minn ċirkostanzi u fatti indipendenti mill-volontà ta' l-esponent *nomine* illi, fuq kollox, kien ġà esprima ma' l-istess

attur *nomine* li l-intenzjoni ċara tiegħu illi hekk kif tissejjaħ il-kawża jidher u jikkontesta t-talbiet attriċi;

*Omissis*;

Illi fiċ-ċirkostanzi fuq spjegati l-esponent *nomine* umilment jissottometti illi huwa għandu jingħata l-opportunità *illi jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u wara li jagħmel dan*, *li* jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu għat-talbiet attriċi u jressaq il-provi kollha *in sostenn* ta' din il-kontestazzjoni;

Għaldaqstant l-esponent, filwaqt illi jipproduċi l-annessa malleverija għall-ispejjeż ta' l-appell minnu interpost u filwaqt illi jagħmel referenza għall-atti tal-kawża u għar-rikors ippreżentat minnu fit-2 ta' Frar, 1995, u jirriserva illi jagħmel osservazzjonijiet u provi li jkun hemm bżonn jitlob reverentement illi wara li jingħata l-opportunità illi jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, tiġi rrevokata u annullata s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-2 ta' Frar, 1995 fil-kawża fl-ismijiet premessi, u li filwaqt illi umilment jitlob illi jingħata d-dritt illi jikkontesta t-talbiet attriċi u li jressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu in sostenn ta' din il-kontestazzjoni jiġu rriġettati d-domandi attriċi ossia jiġu ordnati illi l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet fuq premessi jiġu rrinvijati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti għas-smigħ u deċiżjoni tal-kawża fuq il-meritu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine*";

Il-Qorti ser tikkunsidra l-punti rilevanti tar-risposta ta' l-attur *nomine* fl-ordni kif minnu sottomessi:

L-appellat *nomine* ssottometta illi "il-kontumaċi ma għandux dritt ta' appell". Dan hu legalament skorrett. Hu llum paċifiku illi l-appell minn parti konvenuta li tibqa' kontumaċi

quddiem l-Ewwel Qorti hu possibbli però qabel tingħata smigħ quddiem din il-Qorti hi kellha tiġġustifika l-kontumaċja tagħha. "Il-konvenut li jibqa' kontumaċi quddiem l-Ewwel Qorti mhux prekluż milli jappella minn sentenza ta' dik il-Qorti: biss il-kontumaċi ma jistax iġib quddiem il-Qorti ta' l-Appell xhieda kemm-il darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu. Imma jittratta l-kawża jista'" (Vol. XLII, pt. I, p. 517; Vol. XXXI, pt. I, p. 139 u 290);

"Jibqa' dejjem ferm però illi biex jiġi ammess appell ta' min ikun kontumaċi fl-ewwel grad, dan irid fl-ewwel lok jiġġustifika dik il-kontumaċja *kif reġa' ġie reċentement ribadi* minn din il-Qorti (ta' l-Appell) fil-21 ta' Mejju, 1993, **J. Vella** ***pro et nomine vs*** **J. Vella (Sister Luigia Grech** ***nomine vs*** **Anthony Mercieca Ciancio)** deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 1994). Din is-sottomissjoni ta' l-appellat *nomine* mhijiex għalhekk sostenibbli;

L-appellat *nomine* jsostni ukoll illi filwaqt li jaċċetta illi l-appellant *nomine* kien preżenti fil-Qorti meta ġiet imsejħa l-kawża quddiem il-prima istanza kien l-istess appellat li naqas li jidher quddiemha. L-appellat jaċċetta li "ż-żewġ partijiet kienu qed jistennew barra l-Awla u meta ssejħet il-kawża l-attur *nomine* daħal filwaqt illi l-konvenut *nomine* għal raġunijiet li jafhom hu mar f'direzzjoni oħra". Kien allura ħtija tiegħu illi ma resaqx biex jippreżenta l-każ tiegħu quddiem il-Qorti u baqa' kontumaċi. Isostni ukoll illi l-appellat *nomine* kellu se mai jillimita ruħu f'dan l-istadju għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu u mhux jittratta l-meritu fir-rikors ta' l-appell tiegħu;

Minn dawn is-sottomissjonijiet jirriżulta ċar li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatti u x'ġara dak in-nhar ta' l-ewwel smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ. *Hu*

aċċettat illi fil-jum tas-smigħ tal-kawża l-appellant kien qed jistenna ma' l-appellat barra l-Awla tant *li huma tkellmu* anke dwar il-meritu ta' l-istess kawża. Sfortunatament l-appellant kellu jiċċaqlaq biex jissodisfa bżonnijiet naturali tiegħu u kien f'dak il-mument *illi l-kawża ġiet imsejħa u ġiet deċiża.* Jirriżulta ppruvat u mhux ikkontestat illi l-appellant kellu kull interess illi jikkontesta l-kawża intavolata kontra tiegħu bil-proċedura *speċjali* u sommarja a *tenur ta' l-artikolu* 167 tal-Kap. 12. Inkariga Avukat biex jidher għalih u kien preżenti l-ħin kollu jistenna li l-kawża tiegħu tinstema'. Hu allura ovvju illi l-*appellant ċertament ma jistax jiġi addebitat* b'dik il-kontumelja rażenti d-disprezz lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha. Dan hu sottolineat mill-fatt illi l-appellant *nomine* dak in-nhar filgħodu *stess li din il-kawża ġiet deċiża ppreżenta* rikors biex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza ħalli jkun jista' jippreċiża ċ-ċirkostanzi ta' l-assenza tiegħu meta l-kawża ġiet imsejħa. *Jidher però li dak ir-rikors inġieb a konjizzjoni tal-*Qorti tard u ċjoè wara li din kienet diġà ppronunzjat is-sentenza tant li dik il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-rikors "*stante li l-kawża kienet deċiża*". L-aggravju ta' l-appellant dwar il-kontumaċja tiegħu jirriżulta fiċ-ċirkostanzi ġustifikat;

"Biex *tissussisti l-kontumaċja din trid tkun* kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest għalhekk li assenza mill-atti trid tiġi kkonfermata b'assenza ukoll mill-udjenza fis-sens sħiħ tal-kelma" (*Vol. LXXIV, pt. II, p. 337*). Issa fil-każ in eżami assenza mill-atti ma setgħax kien hemm għaliex il-proċedura ttentata kontra s-soċjetà appellanti kienet dik tirrikjedi l-presenza *fiżika tal-parti konvenuta biex tikkontesta* t-talba u tagħti raġuni għaliex kellha tiġi mogħtija l-opportunità li tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha. L-assenza fiżika kienet għal *kollox involontarja u ġustifikata u jidher li dan* hu *proprju* l-każ klassiku fejn hu doveruż għal din il-Qorti li tannulla l-proċeduri u tirrimetti l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti biex il-kawża *tinstema' mill-ġdid. Altrimenti* l-ġustizzja tkun qed tiġi

ppreġudikata u d-dritt tal-parti konvenuta għal smigħ xieraq leż;

Hi f'postha s-sottomissjoni ta' l-appellat *nomine* illi f'dan l-istadju din il-Qorti ma għandhiex tinoltra ruħha f'eżami tal-meritu imma biss tillimita ruħha biex tiddeċidi l-kwistjoni tal-kontumaċja u tar-ritwalità tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u tas-sentenza minnha mogħtija;

Għal dawn il-motivi l-appell hu milqugħ u s-sentenza appellata revokata. L-atti għandhom jintbagħtu lura mill-Ewwel Qorti biex il-kawża tkompli tinstema' minnha bil-proċedura ordinarja b'dan li l-appellant *nomine* qed jiġi mogħti għoxrin ġurnata mil-lum biex jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Fiċ-ċirkostanzi jixraq li l-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a karigu ta' l-appellant *nomine*.